huma, billi dan kien x'aktarx jiġri fil-għodu kmieni, kienu jmorru 'l hawn u 'l hinn fil-belt u l-irħula ta' ma' dwar biex iwasslu lill-bnedmin l-aħbar it-tajba tal-miġja tal-Messija fid-dinja.

Ta' kuljum, tista' tgħid, dawk id-dixxipli kienu jieħdu l-ispunt jew il-leħma tad-diskors li kienu jagħmlu minn dak li kienu jkunu semgħu minn għand Ġwanni, u għalhekk kull min kien jagħtihom widen u jilqa' kliemhom f'qalbu kien jista' jitqies mhux biss Nisrani imma wkoll dixxiplu tal-Appostlu Ġwanni. B'dan il-mod, minn jum għal ieħor u minn sena għal oħra l-għadd tal-fidili baqa' dejjem joktor u l-aħbar it-tajba tixtered dejjem aktar.

Darba waħda, tgħid it-tradizzjoni, għadd ta' dixxipli mimlijin ħeġġa biex jikkonvertu n-nies u jwassluhom għand Kristu talbu lil Ġwanni jgħidilhom x'għandhom igħidu ħalli kliemhom ikollu setgħa akbar. Ġwanni dam ftit ma fetaħ ħalqu u d-dixxipli baqgħu fuq il-mistennija; imbagħad qallhom hekk: "Lil min jiġi jismagħkom għidulu — 'Ulied Alla, ħobbu lil xulxin' ".

Minn wiċċhom kien jidher li dawk id-dixxipli kienu qed jistennew xi ħaġa oħra, xi ħaġa, forsi, aktar qawwija, aktar solenni. "Ma għoġobkomx dak li għidtilkom?" staqsiehom Ġwanni; "dan ġa għidnihulu lill-poplu", wieġbu huma; "aħna nippriedkajna l-imħabba għal xulxin, kemm-il darba; ma tistax tgħidilna xi ħaġa ġdida xi nxandru lill-bnedmin?"

Ġwanni ċaqlaq rasu. "Le, issa u dejjem; dak il-messaġġ, qadim kemm hu qadim, jibqa' dejjem ġdid. Xandru fost il-bnedmin dak li tassew għallem il-Feddej tagħna — 'Ulied, ħobbu lil xulxin' ".

---

# IL-QALB

*Ta'* JOHN SCIBERRAS

Il-qalb mimlija
Ferħ u tgawdija
x'taf fuq in-niket
u fuq il-hemm?

Biss qalb imnikkta,
bid-dmugħ imsikkta,
taf xinhu niket
u xinhu hemm!



# L-ISTEDINA

*Ta'* VIC APAP

Kienu ilhom żmien jistednuni żewġt iħbieb tiegħi biex immur inqatta' l-Ħadd magħhom fir-ramla tal-Mellieħa. Meta ma stajtx nagħmel ieħor, għidtilhom li mmur u huma ħatfuni fil-kelma.

"Nistennewk nhar il-Ħadd li ġej", qalli wieħed minnhom.

"Għall-ikel naħsbulek aħna", żied miegħu l-ieħor biex aktar iħajjarni u jorbotni li ma nonqosx minn kelmti.

Kull kelma li qalu ma kenitx tfisser ħaġ'oħra ħlief hena, mistrieħ, tgawdija, baħar sabiħ, arja safja, divertiment mill-aqwa li kellu jogħġobni żgur.

Jumejn wara nisma' t-telefon iċempel; kien wieħed minn ħbiebi. Malli smajt leħnu għidt f'qalbi: "Mhux li raġa' bdielhom u jħalluni b'sabri d-dar".

"Karm", smajtu jgħidli min-naħa l-oħra tal-fil. "Aħna għal nhar il-Ħadd kollox sew, eh? Inti ejja x'ħin trid, imma aħna mmorru kmieni biex insibu post tajjeb u nilħqu ntellgħu l-kamp qabel ma tkun xemx wisq".

"Kmieni, ngħid jien, x'ħin?" staqsejtu b'nofs ħajra.

U ħabibi, li minn daqshekk bogħod donnu xamm li l-qawmien kmieni nhar ta' Ħadd ma kienx għal qalbi wisq, daħak daħka — li tagħha dak il-ħin xtaqt nilwilu għonqu — u weġibni:

"M'għandekx għalfejn tbakkar . . . Ejja x'ħin jogħġbok. Aħna mas-sebgħa nkunu hemm".

"Kollox sew", kien kulma għidtlu u għalaqt minnufih it-taħdita qasira tagħna.

Kif sibt ruħi waħdi bdejt nhewden fuq il-ħin. Minnu li qaluli biex immur x'ħin irrid, imma ma qisthiex ħaġa sewwa li nħallihom jitħabtu weħidhom, u jien immur ninqeda bil-kamp tagħhom, niekol minn fuq daharhom u ma mmidd idejja f'xejn. Għalhekk biex nasal il-Mellieħa għas-sebgħa ta' fil-għodu kelli noħroġ mis-sodda fl-erbgħa u nofs. Fl-erbgħa u nofs? Daż-żgur, għax kollox irid ħinu: il-banju, il-leħja, il-quddiesa, il-kafè . . . u kollox bil-ġirja.

Inżilt l-Imsida mill-karrozza ta' Tas-Sliema u qsamt it-triq bil-ħeffa biex nilħaq tal-Mellieħa, iżda ma kienx hemm wisa' għalija. Stennejt ftit u rkibt bil-wieqfa ma' oħra tal-Marfa. Bqajt imdendel u mxattar sa ma nżilt l-Għadira, għarqan xraba u żlugat, mhux biss għax kelli nżomm tajjeb ma' biċċa ħolqa, imma wkoll għax riġlejja ma stajtx inżommhom ħdejn xulxin minħabba xkora ta' wieħed u bixkilla ta' oħra li kien hemm mal-mogħdija tal-karrozza. Xi żewġ